Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Numru 569/2003

Il-Pulizija
(Supretendent Neil Harrison)

vs

Stephen Abdilla
Louis Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita rispettivament numru 457270m u 319068m, akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Lulju 2003 u matul l-ahhar gimghat qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

(a) fi proceduri kriminali kkorrompew xhud (Christopher Meilton) b'theddid sabiex jaghti xiedha falza jew jaghti

tifsir falz bi ksur ta' l-Artikolu 102 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) heddew bil-fomm, b'ordni jew b'kundizzjoni lil Christopher Meilton u Manuela Holz b'delitt bi ksur ta' l-Artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) ingurjaw u heddew lil Christopher Meilton u Manuela Holz bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) hebbew ghal Christopher Meilton u Manuela Holz sabiex jingurjawhom, jhedduhom jew jaghmlu hsara lil dawn il-persuni;

Kontra Stephen Abdilla wahdu, talli:
(e) li sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell datata 11.03.98 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10.11.98 u 02.03.99;
(f) li kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-03.12.02.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta mill-imputati;

Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u l-inkartamenti kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kawza;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet presentata mill-prosekuzzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuza principali hi dik li tohrog mill-Artikolu 102 tal-Kap 9 li jitratta korruzzjoni jew attentat ta' korruzzjoni, fost ohrajn, ta' xhud. Ix-xhud in kwistjoni huwa certu Christopher Meilton. Apparti din l-akkuza hemm, fost l-akkuzi li bihom iz-zewg imputati jinsabu akkuzati, dik kontravenzjonali, cjoe it-tielet akkuza, msejsa fuq l-Artikolu 339(1)(e) tac-citat Kap 9 stante illi l-akkuzi l-ohra, apparti li l-imputati huma recidivi, ma jirrisultawx.

Issa l-provi, fir-rigward l-offizi li gew specifikament riferiti hawn fuq, huma skjetti u tali li jippruvaw il-kaz tal-prosekuzzjoni fil-konfront dawn l-akkuzi minghajr dubbju dettat mir-raguni, dan zgur fir-rigward l-imputat Abdilla, izda mhux wkoll fir-rigward l-imputat Mallia li kontra tieghu jinsab pruvat biss r-reat kontravenzjonali. Dan qieghed jinghad billi ma jirrisultax illi dan l-ahhar imsemmi imputat ikkorrompa jew prova jikkorrompi lill-imsemmi Meilton qabel dan ta ix-xhieda tieghu. F'dan il-kuntest din il-Qorti ma tqies li ghaliex qabel ma xehed Meilton fil-proceduri kontra Abdilla f'Lulju 2002 dan l-imputat qallu, anka jekk f'izjed minn okkazjoni wahda, biex ma jixhidx kontra l-imputat Abdilla f'dawk il-proceduri, jista' jsarraf ghall-korruzzjoni jew l-attentat tieghu. Il-provi pero' juru diversament fil-konfront ta' l-imputat Abdilla li ghandu pero' jibbenefika mill-principji applikabbli ghall-assorbiment ta' reati fis-sens illi l-akkuza kontravenzjonali ghandha tigi kunsidrata assorbita fir-reat ferm aktar gravi ipotizzat taht l-fuq citat Artikolu 102.

Inghad dan ghalhekk wara li rat l-Artikolu 102, 339(1)(e), 17, 49 u 50 u 104 tal-Kap 9 u rat l-fedini penal ital-imputati taqta u tiddecidi:

- fil-konfront tal-imputat Stephen Abdilla li ssibu hat ital-ewwel, it-tielet u l-hames akkuza, it-tielet assorbita fl-ewwel, u tikkundannah sentejn prigunerija;
- fil-konfront tal-imputatLouis Mallia li ssibu hati tat-tielet akkuza u tikkundannah ammenda ta' Lm25.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------